**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 191/2018**

**MY u YY rispettivament**

**(l-ilmentaturi)**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd.**

**(C 30053) (il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tal-10 ta' Marzu 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi qed jissottomettu:

Illi huma ghamlu telf fuq l-investiment *Franklin Templeton - Emerging Markets Bond - A (Ydis) Eur H1.*

Illi dan l-investiment sar fuq parir tal-provditur tas-servizz.

Illi dan il-prodott gie *mis-sold* lilhom peress li inghatatilhom informazzjoni skorretta dwar dan l-investiment, partikolarment ghall-fatt li intqalilhom li dan il-prodott kellu l-kapital garantit meta rrizulta li, fil-fatt, dan ma kienx minnu.

Illi l-provditur tas-servizz heba wkoll il-*commission* li ha.

L-ilmentaturi qed jitolbu li jinghataw lura s-somma ta' €9,421 lura bhala telf fuq l-investiment u l-imghax relattiv kif jidher fl-ilment.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi t-talbiet tal-ilmentaturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjetà intimata mhux responsabbli versu l-ilmentaturi ghal ebda telf jew dannu, inkluz telf ta' kapital u/jew qligh, li setghu gew sofferti mill-ilmentaturi, la minhabba li gew imwieghda xi affarijiet li ma kinux reali u lanqas minhabba allegat '*mis-selling*' jew xi komportament iehor kif allegat fl-ilment taghhom u ghalhekk is-socjetà intimata ma ghandhiex tigi ikkundannata thallas l-ebda ammont in linea ta' telf, dannu jew reintegrazzjoni lill-ilmentaturi u l-ilment tal-ilmentaturi ghandu jigi respint;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-ilmentaturighad iridu jippruvaw il-quantum tat-telf allegatament soffert minnhom;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati mill-ilmentaturi.

**<u>Il-Fatti</u>**

1. Illi l-ilmentaturi MY u YY ilhom jinvestu fi prodotti finanzjarji tal-anqas mis-sena 2004. Fil-fatt, l-ilmentaturi kienu nvestew tramite l-intimata f'diversi investimenti nkluz fis-segwenti:

   (1) ***'British American – Fixed 100'*** fid-9 ta' Dicembru 2004;
   (2) ***'The Protected Asset TEP Fund No 2 – GBP'*** fit-18 t'Ottubru 2005;
   (3) ***'€10 million 5.6% Bonds 2014-16'*** fit-13 ta' Mejju 2006;
   (4) ***'Aberdeen Global - Select High Yield Bond Fund – D1'*** fit-8 t'Awwissu 2012, kif ukoll fit-23 ta' Settembru 2016;
   (5) ***'Kames Capital - High Yield Global Bond Fund A Eur 1'*** fid-19 ta' Novembru 2012;
   (6) ***'Aberdeen Global - Select Euro High Yield Bond Fund A1'*** fit-12 ta' Jannar 2017;
   *(7)* '***Kames Capital - High Yield Global Bond – A EUR Ind (hdg)'*** fit-12 ta' Jannar 2017;
   (8) ***'Kames Capital – High Yield Global Bond – A EUR inc (hdg)'*** fit-2 ta' Frar 2017.

Illi safejn jikkoncerna dawn l-investimenti ma jidher li hemm ebda ilment. Illi ebda wiehed minn dawn l-investimenti ma kellu l-kapital garantit; illi *di più,* apparti dawn l-investimenti precedenti, l-ilmentaturi kellhom ukoll investiment fil-'*BOV Malta Bond Fund'*.

2. Illi fit-2 ta' Frar 2017, l-ilmentaturi xtraw 1,390.46 sehem fl-'*Aberdeen Global-Select Euro High Yield Bond Fund D1'* fis-somma ta' GBP6,982.52 (ara '*Purchase Contract Note'* hawn annessa bhala Dok 'GC1');

3. Illi f'Ottubru tas-sena 2017, l-ilmentaturi iddecidew illi jbieghu dan l-investiment fl-'*Aberdeen Global-Select Euro Bond Fund D1'* bi profitt u fil-fatt hadu lura GBP8,000.73 (ara '*Sale Contract Note'* hawn annessa bhala Dok 'GC2'); Illi l-ilmentaturi riedu jergghu jinvestu dawn il-flus f'investiment iehor, flimkien ma' xi flus ohrajn li kellhom;

4. Illi fil-fatt, f'Ottubru 2017, l-ilmentaturi kienu nkarigaw lis-socjetà intimata, bhala intermedjarja licenzjata taht l-Att Dwar is-Servizzi ta' Investiment (Kap. 370), sabiex taghmlilhom investiment fi prodott bl-isem *'Franklin Templeton – Emerging Markets Bond – A (Ydis) EUR H1'* (ara '*Purchase Contract Note'* annessa mal-ilment bhala Dok 'EC4') u dan wara li nghatat lilhom informazzjoni dwar in-natura u l-mod kif jahdem l-istess prodott (ara il-'*Key Investor Information'* u l-'*Fund Fact Sheet'* li nghataw lill-ilmentaturi hawn annessi bhala Dok 'GC3' u Dok 'GC4');

5. Illi fil-fatt, imkien ma jinghad fid-dokumenti Dok GC3  Dok GC4 li dan l-investiment kellu l-kapital garantit kif jallegaw fl-ilment taghhom; Anzi, jirrizulta car daqs il-kristall li dan il-prodott kellu abbinat mieghu certu riskji relatati mal-investiment kif ser jigi spjegat;

   Illi fid-dokument '*Key Investor Information'* li nghata lill-ilmentaturi hemm spjegat li '*This document provides you with key investor information about this fund. It is not marketing material. The information is required by law to help you understand the nature and the risks of investing in this fund. You are advised to read it so you can make an informed decision about whether to invest.'*

   Fuq l-ewwel pagna tad-dokument '*Key Investor Information'* hemm car u tond li dan huwa investiment li jgorr certi riskji kif imfisser fl-istess

dokumenti inkluz *'**Credit risk:** the risk of loss arising from default that may occur if an issuer fails to make principal or interest payments when due. This risk is higher if the Fund holds low-rated, non-investment-grade securities'; '**Derivaties risk**: the risk of loss in an instrument where a small change in the value of the underlying investment may have a larger impact on the value of such instrument. Derivatives may involve additional liquidity, credit and counterparty risks.'; '**Emerging markets risk:** the risk related to investing in countries that have less developed political, economic, legal and regulatory systems, and that may be impacted by political/economic instability, lack of liquidity or transparency, or safekeeping issues.'; '**Liquidity risk**: the risk that arises when adverse market conditions offset the ability to sell assets when necessary. Reduced liquidity may have a negative impact on the price of the assets.'*

Illi minbarra dawn ir-riskji, fil-faccata tal-istess dokument '*Key Investor Information'* hemm stampa li turi il-livell ta' riskju li jista' jgorr mieghu investiment u, f'dan il-kaz, gie indikat mill-Istituzzjoni Finanzjarja *Franklin Templeton* li harget dan l-investiment li l-istess investiment kellu '*riskju medju*';

Illi fit-tieni pagna tal-istess dokument hemm spjegat ic-*'charges'* li wiehed irid ihallas meta jinvesti f'dan il-prodott – '*The charges you pay are used to pay the costs of running the Fund, including the costs of marketing and distributing it. These charges reduce the potential growth of your investment'* u '*The entry charges shown are maximum amounts; you may pay less in some cases';* Illi f'dan il-kaz gie spjegat li l-massimu li jista' jitnaqqas mis-somma investita bhala spejjez huwa ta' 5% u hemm spjegat ukoll car u tond li '*This is the maximum that might be taken out of your money before it is invested.'* Illi fil-kaz tal-ilment in kwistjoni jirrizulta mill-'*Purchasing Contract Note'* ipprezentata mill-ilmentaturi stess li l-*'entry charge'* jew *'commission'* li tnaqqset kienet ta' €3,457.07 u, *cioè,* anqas mir-rata massima ta' 5% stipulata fid-dokument '*Key Investor Information';* Ghalhekk dak li jghidu l-ilmentaturi fl-ilment taghhom li '*kien hemm habi fil-mod ta' kif ittiehdet il-commission'*, zgur li

mhux minnu ghaliex jirrizulta car u tond mill-*Purchase Contract Note'* li pprezentaw l-ilmentaturi u kif ukoll mill-'*Key Investor Information'* li

nghata lilhom x'kien il-massimu ta' dawn il-*'commissions'* u kemm fil-fatt tnaqqas bhala *'commission';*

Illi fl-istess dokument gie spjegat ukoll li dan l-investiment huwa awtorizzat mill-*Grand Duchy* tal-Lussemburgu u li huwa regolat mill-*'Commission de Surveillance du Secteur Financier';*

Illi fid-dokument intitolat *'Fund Fact Sheet',* jirrizulta wkoll spjegat car u tond fl-ewwel pagna li '***Past performance is not an indicator or a guarantee of future performance. The value of shares in the Fund and income received from it can go down as well as up, and investors may not get back the full amount invested ...'.***

6. Ghalhekk l-allegazzjonijiet tal-ilmentaturi fil-konfront tas-socjetà intimata f'*'Taqsima D: L-ilment tieghek',* huma kkontestati bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; Illi jirrizulta li dak li qed jallegaw l-ilmentaturi fl-ilment taghhom ma huwiex minnu u dan gie spjegat lilhom fl-ittra tas-socjetà intimata datata 13 ta' Novembru 2018, li giet pprezentata mill-ilmentaturi bhala Dok 'EC3' u li ghaliha l-ilmentaturi qatt ma wiegbu;

   Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjetà intimata tichad fermament illi hija b'xi mod ingannat lill-ilmentaturi billi tathom informazzjoni skorretta dwar l-investiment u/jew li dawn gew imwieghda xi affarijiet li ma kinux reali; Illi s-socjetà intimata tirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala kompletament foloz u minghajr ebda fondament; Illi l-ilmentaturi agixxew xjentement u minn jeddhom fir-rigward tal-investiment in kwistjoni li ghamlu tramite s-socjetà intimata;

7. Illi l-ilmentaturi jallegaw fl-ilment taghhom li huma sofrew telf ta' €9,421; Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ammont reklamat mill-ilmentaturi *in linea* ta' telf allegatament soffert minnhom huwa skorrett in kwantu l-ilmentaturi ma naqqsux l-*'entry charge'* li huma kellhom ihallsu fi kwalsiasi kaz meta ghamlu dan l-investiment *ossia* s-somma ta' €3,47.07 fil-kalkoli taghhom;

8. Illi s-socjetà intimata tafferma illi ghar-ragunijiet suriferiti, hija ma ghandha l-ebda responsabbiltà ghad-danni u/jew telf li qed jirreklamaw l-ilmentaturi; *inoltre* u minghajr pregudizzju ghall-premess, apparti li ghad

trid issir il-prova tad-dannu jew telf li qed jigi allegat mill-ilmentaturi, anke fil-kaz li jirrizulta li l-ilmentaturi garrbu xi telf fuq l-investiment suriferit b'daqshekk ma jsegwix illi s-socjetà intimata hija responsabbli ghad-dannu jew telf soffert mill-ilmentaturi.

Ghar-ragunijiet kollha suesposti, u b'riserva ghal kull rimedju spettanti lilha skont il-ligi, is-socjetà intimata bir-rispett titlob illi l-ilment jigi respint, u r-rimedji mitluba jigu michuda.

Salv sottomissjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u b'riserva li tressaq xhieda, dokumenti u provi ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[1]

L-ilmentaturi qed jilmentaw li nbieghilhom il-prodott *Franklin Templeton - Emerging Markets Bond Fund* fejn sehh *misselling* fil-konfront taghhom ghax intqal lilhom li dan il-prodott kellu l-kapital garantit kif ukoll sar habi kif ittiehdet il-*commission*.

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li mhux minnu li l-ilmentaturi inghataw din il-garanzija. L-ilmentaturi kellhom esperjenza fl-investimenti u l-investimenti li kienu ghamlu qabel u wara l-*Franklin Templeton - Emerging Markets Bond Fund* kienu tal-istess livell ta' riskju. Jghid ukoll li l-*commission* ma kinetx mohbija u tidher fil-*Purchase Contract Note.*

**Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi**

[1] Kap 555, Art.19(3)(b)

L-ilmentatur xehed quddiem l-Arbitru,[2] fejn qal li hu kien jahdem bhala *welder* id-*Drydocks* u kien ha Lm17,000 bhala *early retirement sum* u, fuq parir ta' ohtu, mar jinvestihom mal-provditur tas-servizz. Kien mar il-*Branch* ta' Hal Qormi u l-investiment li nvestewlu fih kien ghazlu l-provditur tas-servizz.

Jghid li dwar dan il-prodott ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien qalilhom li jiehdu l-flus lura meta jaghlqu. Qalulu li kellhom bzonn il-flus fi zmien disa' jew ghaxar xhur. Rodian Formosa kien qalilhom biex icemplulu ghall-habta ta' Gunju 2018. Meta cemplulu qalilhom sabiex ihallu hmistax ohra u jergghu icemplulu. Meta regghu cemplulu qalilhom li l-flus kienu nizlu b'€2,000, u meta staqsewh jekk kinux ser jiehdu flushom lura, qalilhom, '*Iva, dazgur, tehodhom anke aktar tiehdu'.*

Meta iltaqghu mieghu fil-25 ta' Gunju 2018, qalilhom li kienu nizlu b'€9,000. Meta ffaccjawh b'dak li kien qalilhom li kienu ser jiehdu flushom kollha qalilhom: '*Imma dawn nizlu'.*

Kienu qalulu mill-bidu li flushom rieduhom sa zmien anqas minn sena. Rodian Formosa qallu wkoll li l-flus li kien baqa' ried jehodhom f'*shares* u jiehu erba' snin biex jirkupra t-telf. Izda wara tkellem ma' xi hadd li qallu li jekk jaghmilhom f'dawn is-*shares* kien jitlef kollox:

*'Allura, cempilt lil Rodian Formosa u staqsejtu jekk il-flus kienx digà investihom u qalli li ghadu le, u ghidtlu biex ihallihom ghax kont se mmur ghalihom il-flus.'*

Dwar il-kwistjoni tal-*commission*, l-ilmentatur qal hekk:

*'Nghid li hu qalilna li kien hemm xi charges, però, ma qalilniex li kien hemm xi €3,200, ghax ibqa' cert li ma konniex ninvestuhom ghal disa' xhur.*

*Nghid li dan jirrizulta wkoll minn Dokument EC4, a fol. 10, il-Purchase Contract Note li fiha hemm li hallasna €3,457.07 bhala commission. Li kieku kont naf b'din il-commission daqshekk qawwija, zgur li ma kontx ninvesti. Nghid li fl-ammont ta' €9,421 dahhalt fihom ukoll din il-commission li ghadni kif semmejt.*

*Nghid li dejjem assigurana li kellna niehdu l-flus kollha ghax ghal disa' xhur mhux lok li titlef somma bhal din.*

[2] *A Fol.* 39 *et seq*

*Nghid li dak iz-zmien kelli 64 sena. Nghid li skola ghamilt sal-Form IV.*

*Nghid li meta ghaddejtlu c-cheque tal-investiment ta' €86,426 hu ma qallix x'inhi l-commission u ma tanix ircevuta dwarha. Ghidtlu, "Mela ahjar hallejthom il-bank u hemmhekk ma kont niehu xejn u ma nitlef xejn, milli ghamilthom hawnhekk biex fi zmien disa' xhur tlift din is-somma kollha."'*

Fil-kontroezami jghid li kellu prodotti ohra mal-provditur tas-servizz, fosthom, fil-*High Yield Bond Fund* tal-*Aberdeen*:

*'Nikkonferma li kelli l-High Yield Bond Fund tal-Aberdeen. Anke l-investimenti li kelli mal-GlobalCapital ghamilthom fuq parir ta' Rodian Formosa. Nghid li ahna, l-arrangament kien li l-imghaxijiet tal-investimenti jidhlu l-bank u, anke dan l-investiment li qed nilmenta dwaru, dan tas-€86,000, kellu jsir l-istess arrangament.'*

Dwar investimenti ohra li kellu xehed hekk:

'*Mistoqsi dwar l-investimenti li kelli mal-GlobalCapital nafx kellhomx riskju, nghid li fuq l-investimenti l-ohra kont naf li whud minnhom kien fihom riskju, però, f'dan tas-€86,000 ma kontx naf ghaliex dawn kienu ghal perjodu ta' xhur biss u, kif digà ghidt, qaluli li flusi ser nehodhom meta jaghlqu; anzi tana d-data ta' meta stajna nehduhom'.*

Dwar il-kwistjoni tal-*commission* zied jghid:

*'Dwar Dok EC4, nghid li dakinhar li rcevejtu ma tajtx kaz li kien hemm dik il-commission. Nghid li l-commission dan l-ahhar rajniha, u dak iz-zmien jien ma ghamilt xejn dwar dan'.*

Xehdet ukoll l-ilmentatrici,[3] fejn ikkonfermat dak li kien xehed zewgha.

Qalet ukoll li:

'*Inzid li jien lil Rodian kont ghidtlu li l-flus kellna bzonnhom f'Settembru, u nghid li meta kont hemm f'Ottubru 2017, meta kont ma' zewgi biex ninvestu, lil Rodian Formosa ghidtlu ahjar inhalluhom f'bank - u ma niehdu xejn u ma nitilfu xejn -*

[3] *A Fol.* 42

*jekk hemm xi probabilità ta' telf, specjalment il-flus li poggejna. Qalli, "Le, il-kapital tehduh zgur".'*

L-ilmentaturi ipprezentaw ukoll *affidavit*[4] ta' oht l-ilmentatur li jisimha YYYY li xehdet li kienu wirtu post hi u hutha u bieghuh lil terzi persuni. Hija tat sehemha lill-ilmentatur MY. Hija wkoll gieli kellha xi investimenti zghar mal-provditur tas-servizz u kienet toqghod fuq il-pariri ta' Rodian Formosa.

Dakinhar li l-ilmentatur mar biex jinvesti kienet marret mieghu ghax riedet taghtih sehemha mill-wirt.

'*Niftakar li waqt dik il-laqgha hija kien qal lil Rodian Formosa li dawn il-flus ried jigbidhom lura f'Gunju 2018 u Rodian Formosa kien qallu biex ghall-bidu ta' Gunju 2018 icempillu biex ikun jista' jigbed lura dan l-investiment. Niftakar li l-mara ta' hija ... kienet staqsiet lil Rodian Formosa direttament jekk dawn il-flus jittiehdux kollha ghax inkella ipogguhom il-Bank, biex la jnaqqsu u lanqas izidu peress li kulma kien hemm kienu xi 8 xhur ta' investiment. Niftakar car li Rodian Formosa irrisponda billi qal li "tehduhom kollha, anzi aktar". Fuq dak il-kliem hija MY u martu YY tawh il-flus biex isir l-investiment.'*[5]

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

Ghall-provditur tas-servizz xehedu Michael Schembri u Rodian Formosa permezz tal-*affidavit*.[6]

**Michael Schembri,** li ma kienx involut fit-tranzazzjoni u li xehed mill-*file*, jghid li l-provditur tas-servizz agixxa fuq it-talba tal-klijent biex jinvesti fil-kapacità ta' intermedjarju u ezekwixxa biss l-ordnijiet tal-klijent.

Meta l-ilmentatur beda jinvesti mal-*GlobalCapital* fl-2004, hu kellu investiment mal-BOV fil-*Malta Bond Fund.* Wara li kien ilu jinvesti, fl-2016 saret il-*Confidential Fact Find* fejn il-klijenti kienu ikkonfermaw bil-firma taghhom li kellhom livell ta' skola sekondarja u kienu familjari ma' investimenti bhal *equities, bonds* u CIS's fost l-ohrajn. Fil-*Confidential Fact Find* tal-2017 gie mnizzel li s-servizz li kien qed jinghata kien ta' '*promote and sell'.*

[4] *A Fol.* 43
[5] *Ibid.*
[6] *A Fol.* 45-46 u 175-176 rispettivament

Isemmi wkoll lista ta' investimenti li l-ilmentaturi kellhom qabel il-prodott li qed isir ilment dwaru.

Wara li ghamlu l-investiment li qed jaghmlu ilment dwaru, l-ilmentaturi regghu investew fil-21 ta' Dicembru 2017 fil-*Franklin Templeton - Global Bond Fund A (Mdis) GBP H1'* din id-darba fil-GBP flok fl-Euro.

Jaghti zewg ezempji ta' investimenti li juru li r-riskju tal-ilmentaturi kien wiehed medju.

**Rodian Formosa** xehed permezz tal-*affidavit*[7] u in kontroezami.[8] Huwa qal li kien ilu jinvesti lill-ilmentatur sa mill-2012, izda l-ilmentatur kien ilu jinvesti mal-provditur tas-servizz sa mill-2004. Hu kien involut fil-bejgh ta' zewg investimenti precedenti fl-2012 li t-tnejn kienu *High Yield Bonds.* L-ilmentatur kien prezenti anke f'dati precedenti meta hutu l-bniet kienu ghamlu xi investimenti mal-provditur tas-servizz. Dawn l-investimenti kienu *Bond Funds* li jimxu skont il-prezz tas-suq u kellhom *commission* inizjali ta' 4% u ma hemm l-ebda spejjez biex tohrog minnhom.

Fil-laqgha li kellu mal-ilmentatur fl-investiment ilmentat, l-ilmentatur kien accenna li ser jigi bzonn il-kapital ta' €80,000, u meta hu kien jaf li l-ilmentatur digà kellu kapital investit ta' €60,000 qabel ma ghamel dan l-investiment, spjegalu li ma jaqbillux jinvesti dan l-ammont ghax il-prezz jista' jitla' u jinzel u, allura, hemm cans li jitlef mill-kapital meta jmur biex jigbidhom:

'*Is-Sur MY hareg b'soluzzjoni ghal dan billi qal li t-terminu sakemm jigbidhom jista' jkun aktar minn sena u allura xorta jixtieq jinvesti flusu'.*[9]

Ix-xhud izid jghid li spjega l-investiment fid-dettall skont il-*Fact Sheet* tal-prodott kif ukoll il-*Key Investor Information Document* (il-KIID) u ghaddielu kopja taghhom. Dawn id-dokumenti kienu jindikaw it-tipi ta' riskji u l-livell ta' riskju.

Fis-27 ta' Marzu 2018, l-ilmentatur infurmah permezz ta' telefonata li l-ammont li kien ser ikollu bzonn kien ta' €125,000 u mhux ta' €80,000, kif ukoll li ried €105,000 minnhom madwar Lulju u €20,000 ghal madwar Ottubru. L-ilmentatur

---

[7] *A Fol.* 175
[8] *A Fol.* 179-182
[9] *A Fol.* 175

staqsa l-valur tal-portafoll tiegħu u anke dak tal-*Frank Templeton - Emerging Markets Bond*. Hu taħ il-valur u bagħatlu wkoll *statement* bil-posta.

L-ilmentatur iddeċieda li jbiegħ l-investiment tiegħu f'Ġunju 2018 meta l-valur kien ta'€76,364.46.

Annessa wkoll lista bid-dati ta' meta kien iltaqa' mal-ilmentatur rigward l-investimenti tiegħu.

Fil-kontroeżami, fost affarijiet oħra, huwa xehed hekk:

'*Nghid illi €80,000 minnhom, li kien ser idaħħal mill-proprjetà, kien ser ikollu bżonnhom fi żmien sena. Jiena għidtlu li fl-investimenti wieħed mill-inqas irid iħares lejn perjodu ta' ħames snin. Ngħid li s-Sur MY xorta ried li l-flus jinvestihom*.

*Dan il-Franklin Templeton kien BB jew BBB-rated li jinvesti f'sottofondi, f'bonds ta' gvernijiet, sovereign bonds li kienu mainly emerging markets, China, Brazil, Mexico, ecc.*

*Ngħid li l-klijent kellu diġà l-Aberdeen u investimenti oħra li kienu European u US bħala bonds. Is-suġġerimenti tiegħi kienu biex jiddiversifika u jinvesti f'bonds differenti li mhumiex European u US.*

*Jiena pprezentajtlu l-Franklin Templeton għax issuġġerejtlu prodott fi swieq emerġenti. Ngħid li ħajjar lis-Sur MY jagħżel dan il-prodott kien għax kellu rata ta' imgħax ta' 8%. Mistoqsi jekk l-ilmentatur staqsinix jekk il-kapital ikunx garantit, ngħid li mhux il-klijent staqsa imma kienet oħtu li staqsiet jekk il-kapital kienx garantit, u jien għidtilha li l-kapital ma kienx garantit. Jiena m'għidtilhomx, kif qed jiġi ssuġġerit lili, li mhux talli jieħdu l-kapital talli jieħdu xi ħaġa extra fl-aħħar ...*

*Jiena ngħid li l-investimenti li l-klijent kellu taħt rasu kienu madwar €60,000.*

*Nikkonferma li dan l-ammont li nvesta fil-Franklin Templeton kellu l-intenzjoni li jinvestihom fil-proprjetà. Qed jiġi ssuġġerit li l-klijent qalli li kellu konvenju li*

*kien ser jagħlaq f'Settembru 2018 u, għalhekk, kien ser ikollu bżonn il-flus f'din id-data, jiena ngħid li kien semmieli li ried jixtri jew jinvesti fi proprjetà, però, ma kienx semmieli li kellu konvenju. L-ammont kien ta' €80,000 ...*

*Jien ma kontx naf fiex ser juzahom il-flus jekk kienx ser jirranga l-proprjetà tieghu jew jekk kienx ser jixtri xi proprjetà ohra ...*

*Nghid li lill-klijent kont spjegajtlu li mhux worth it li jinvesti bejn sena u tliet snin ghax ahna nqisuh bhala short term. Qed nigi mistoqsi, allura, galadarba kont naf li bejn sena u tliet snin hu short term kif issuggerejtilhom il-Franklin Templeton meta jien kont naf li se jkollhom bzonnhom f'qasir zmien, nghid li l-klijent qalli li jista' jkollu bzonnhom wara tliet snin u mhux kif ghidt qabel jista' jigi bzonnhom sa tliet snin …*

*Nghid li mhux jien hrigt biha s-soluzzjoni illi l-fatt li l-ewwel qalli li jista' jkollu bzonn il-flus wara l-ewwel sena, kif ghidt fl-affidavit, u l-fatt li l-kapital ma kienx garantit, is-soluzzjoni hareg biha l-ilmentatur stess.*

*Nghid li jien semmejtilhom il-commission li kienet ta' 4% fuq l-ammont investit. Ma nistax nghid jekk hdimtilhomx jew le. Kontra dak li qed jigi ssuggerit lili, jien semmejthielhom il-commission u nghid li din tidher fil-Purchase Contract Note. Din il-commission hi indikata fil-Purchase Contract Note tal-Franklin Templeton f'dokument EC 4, a fol. 10. Nghid li l-Purchase Contract Note ma hrigthiex jien, tohrog mill-Back Office. Nghid li l-commission li kienet tittiehed kienet ta' 4% imma ma nafx kif kienet tinqasam bejn il-GlobalCapital u haddiehor.*

*Nghid li meta kien cempilli li kellu bzonn il-flus, qalli li kellu bzonn €125,000; li ried jigbed mal-€100,000 f'Lulju u l-kumplament f'Ottubru.*

*B'referenza ghal dokument EC 1, a fol. 6, il-Portfolio Valuation, qed nigi mistoqsi dwar it-telf ta' - 9.8% taht Gain/Loss, nghid li dan jinkludi l-commission li ghadna kif semmejna. Allura f'dokument EC 4, dwar il-commission, nghid li s-sistema is in the software. Nghid li l-commission tithallas darba fil-bidu*.'

**Konsiderazzjonijiet Ohra**

L-ilmentaturi ghamlu formola tal-ilment fejn iddikjaraw li b'zieda maghha kellu jittiehed ukoll il-kontenut tal-ittra datata l-4 t'Ottubru 2018, li l-konsulent taghhom kien baghat lill-provditur tas-servizz.[10]

L-allegazzjonijiet li qed jaghmlu l-ilmentaturi huma dwar '*misselling*' u *'malpractice'* in konnessjoni mal-prodott *Franklin Templeton - Emerging Markets Bond A (Ydis) Eur H1* (fil-qosor 'FTEM'). Qed jibbazaw l-allegazzjoni ta' *misselling* minhabba l-fatt li Rodian Formosa:

- Ma tahomx informazzjoni bizzejjed dwar il-prodott u qalilhom li l-kapital kien garantit;
- Riedu li l-investiment ikun ghal perjodu qasir hafna ta' ftit xhur;
- Ghalkemm issemmiet il-*commission* qatt ma ssemmiet kemm kienet ser tkun ic-cifra tal-*commission;*

Il-provditur tas-servizz jichad dan kollu u jghid li mhux responsabbli ghat-telf li garrbu l-ilmentaturi u m'ghandu jaghtihom xejn.

***Kif inbiegh il-Prodott u jekk kienx 'suitable' jew 'appropriate' ghall-Ilmentaturi***

Skont il-*Confidential Client Fact Find*[11] li saret biex inbiegh dan il-prodott, is-servizz maghzul u deskritt mill-provditur tas-servizz kien wiehed ta' *'promote and sell',* jigifieri li l-ilmentaturi ma kinux qed ifittxu l-parir tal-provditur tas-servizz u kien qieghed biss ibieghilhom prodott u jghidilhom biss dwaru.

Ghalkemm dan ir-regim kien jezisti dak iz-zmien li inbiegh dan l-investiment, wara li l-Arbitru ra ammont kbir ta' kazi, jista' jghid kuxjenzjozament li dan ir-regim ta lok ghal hafna abbuzi ghaliex xi provdituri tas-servizz kienu juzaw dan is-servizz sabiex ikunu jistghu jghidu li ma tawx parir u jitfghu ir-responsabbiltà kollha fuq il-klijent. Wara numru ta' snin, l-MFSA iddecidiet li twaqqaf dan it-tip ta' servizz wisq probabbli ghall-istess raguni li qed isemmi l-Arbitru.

L-Arbitru ghandu dubji serji kemm dan il-prodott kellu jinbiegh taht dan ir-regim meta jitqies li l-ilmentatur kien *ex-welder* u martu kienet mara tad-dar. U meta jitqies ukoll li, skont ma jammetti l-istess provditur tas-servizz, dan kien *bond*

[10] *A Fol.* 7, DOC EC2
[11] *A Fol.* 68 *et seq*

ibbazat fuq '*emerging markets'* li magħhom hemm marbuta riskji akbar minn investimenti fi swieq aktar żviluppati.

Il-provditur tas-servizz isemmi li l-ilmentaturi kien diġà kellhom investimenti simili. Huwa minnu li kellhom xi investimenti b'elementi ta' investiment *in parte* f'*emerging markets* imma kien hemm fil-percentaġġ tagħhom fl-istess investiment. L-investiment li qed isir ilment dwaru kien totalment investit f'*emerging markets* u r-riskju kien akbar.

Barra minn hekk, il-fatt li l-istess provditur tas-servizz kien biegħ xi investimenti lill-ilmentaturi snin qabel u l-ilmentaturi kienu qagħdu fuq il-parir tiegħu, ma jfissirx li dan għamel lill-ilmentaturi nies li setgħu jifhmu f'investimenti f'*emerging markets.* Anzi, dan aktar jikkonvinċi lill-Arbitru li l-provditur tas-servizz, rappreżentat minn Rodian Formosa, kellu preferenza li jbiegħ dawn il-prodotti riskjużi lil *retail clients* bħalma kienu l-ilmentaturi. *Retail clients* għandhom jingħataw protezzjoni speċjali u ma jingħatawx prodotti riskjużi aktar milli jifilħu.

L-Arbitru jqis ukoll li l-istess Rodian Formosa kien inkonsistenti f'dan ir-rigward. Filwaqt li jgħid li hu biegħilhom il-prodott bħala '*promote and sell'* - jiġifieri ma kienx qed jagħtihom parir - fl-istess waqt jgħid kemm tahom spjegazzjoni fit-tul u kemm qalilhom dwar ir-riskji li kellu marbut miegħu dan l-investiment; u jgħid li minkejja li qalilhom dwar dawn ir-riskji kollha, l-ilmentaturi xorta waħda għażlu li jinvestu. Dan m'huwiex kredibbli għaliex ġie stabbilit anke mill-istess provditur tas-servizz li l-ilmentaturi riedu jinvestu f'xi ħaġa '*short term'* fejn il-kapital ikun garantit għaliex riedu li bl-istess flus, u forsi b'oħrajn magħhom, jixtru proprjetà.

Min ikun irid jixtri proprjetà mhux ser jinvesti fi prodott li jiġi spjegat li fih riskji li wieħed jista' jitlef mill-kapital. Għalhekk, il-verżjoni tal-provditur tas-servizz f'dan ir-rigward mhix kredibbli.

Imma l-fattur tar-riskju ma jistax jittieħed waħdu iżda jrid jittieħed fil-kwadru wiesa' li fih tkun qed issir it-tranżazzjoni.

**L-ilmentaturi jgħidu li sar *mis-selling* tal-prodott għaliex dan il-*bond* ma kellux jinbiegħ lilhom, fost oħrajn, għaliex huma riedu li l-kapital ikun garantit peress li riedu li l-investiment ikun għal perjodu qasir ħafna ta' ftit xhur mentri dan l-investiment ma kienx.**

Wiehed mill-elementi ta' *misselling* ta' prodott huwa jekk il-prodott li jkun qed jinbiegh ikunx jilhaq l-aspettattiva tal-oggettiv tal-investiment u jekk jaqdix il-htigijiet tal-investitur fil-mument li jkun qed isir il-bejgh.

Bhala ezempju, jekk persuna tmur biex tixtri DVD u tinghata kompjuter, anke jekk il-kompjuter jahdem tajjeb, ma jfissirx li l-bejgh ikun sar tajjeb ghaliex meta x-xerrej imur biex juzah bhala DVD, dan ma jaqdix l-uzu li ghalih inxtara. F'dan il-kaz ikun sar *mis-selling* tal-prodott. U l-istess haga fil-qasam tas-servizzi finanzjarji fejn ghandek espert fuq naha u konsumatur fuq in-naha l-ohra. L-investiment irid jaqdi l-iskop ta' min ikun qed jinvesti u jekk l-investiment ma jaqdix dawn il-htigijiet ikun sar *mis-selling* tal-prodott.

Il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, f'Artikolu 19(3)(c) jqis, fost l-ohrajn, '*l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment'.*

Skont l-istess Att, l-Arbitru jrid jara fost l-ohrajn '*ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz'.*[12]

**Ic-Cirkostanzi partikolari tal-Kaz**

L-aktar kwistjoni importanti f'dan il-kaz huwa jekk il-provditur tas-servizz kellux joffrilhom dan il-*bond* meta l-ilmentatur kien qal lir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz li l-flus li ried jinvesti ma riedx jinvestihom ghat-tul ghaliex ried jixtri proprjetà.

Dwar dan il-punt, l-ilmentatur jghid li qal lill-provditur tas-servizz li ried jinvesti ghal ftit xhur u ried prodott b'kapital garantit.

Din il-verzjoni tal-ilmentatur hija korroborata minn martu u minn ohtu, YYYY, li xehdet hekk:

'*Niftakar li waqt dik il-laqgha hija kien qal lil Rodian Formosa li dawn il-flus ried jigbidhom lura f'Gunju 2018 u Rodian Formosa kien qallu biex ghall-bidu ta' Gunju 2018 icempillu biex ikun jista' jigbed lura dan l-investiment. Niftakar li l-mara ta' hija u, cioè, YY kienet staqsiet lil Rodian Formosa direttament jekk dawn il-flus jittiehdu kollha ghax inkella ipogguhom il-Bank biex la jnaqqsu u lanqas*

[12] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

*izidu peress li kulma kien hemm kienu 8 xhur ta' investiment. Niftakar car li Rodian Formosa irrisponda billi qal li "tiehduhom kollha, anzi aktar'".'*[13]

Ghalkemm sar il-kontroezami taghha, dwar dan il-punt daqstant importanti, ix-xhud ma giet mistoqsija xejn.

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz ma tantx jaghti verzjoni konsistenti u kredibbli dwar dan. Ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz l-ewwel jghid fl-*affidavit* tieghu illi l-ilmentatur kien qallu li ma riedx jinvesti fit-tul ghaliex kien ser ikollu bzonn €80,000, u hu qallu li investiment ta' dan it-tip ried perjodu ta' hames snin ghax inkella jekk johrog qabel jista' jitlef il-flus.

Izda, fil-kontroezami, jammetti li l-ilmentatur kien qallu li t-€80,000 kien ser ikollu bzonnhom biex jixtri proprjetà:

*'Nikkonferma li dan l-ammont li nvesta fil-Franklin Templeton kellu l-intenzjoni li jinvestihom fil-proprjetà. Qed jigi ssuggerit li l-klijent qalli li kellu konvenju li kien ser jaghlaq f'Settembru 2018 u, ghalhekk, kien ser ikollu bzonn il-flus f'din id-data, jiena nghid li kien semmieli li ried jixtri jew jinvesti fi proprjetà, però, ma kienx semmieli li kellu konvenju.'*

Aktar tard fl-istess kontroezami, l-istess rapprezentant jabbanduna l-perjodu ta' sena u filli jghid li l-ilmentatur qallu li jrid il-flus **qabel** tliet snin, u fl-istess nifs jghid li qallu **wara** tliet snin:

*'Nghid li lill-klijent kont spjegajtlu li mhux worth it li jinvesti bejn sena u tliet snin ghax ahna nqisuh bhala short term. Qed nigi mistoqsi, allura, galadarba kont naf li bejn sena  u tliet snin hu short term kif issuggerejtilhom il-Franklin Templeton meta jien kont naf li se jkollhom bzonnhom f'qasir zmien, nghid li l-klijent qalli li jista' jkollu bzonnhom wara tliet snin u mhux kif ghidt qabel jista' jigi bzonnhom sa tliet snin …'*

L-Arbitru ma jemminx li l-ilmentatur semma l-perjodu ta' tliet snin meta kemm l-istess rapprezentant kif ukoll l-ilmentatur jaqblu fix-xhieda taghhom li l-ilmentatur kien semma li ried jixtri proprjetà. Min isemmi li ser jixtri proprjetà tliet snin qabel? Barra minn hekk, ix-xhud YYYY kienet preciza meta qalet li huha

[13] *A Fol.* 43

ried il-flus f'Gunju 2018 - jigifieri fi zmien tmien xhur - u din ix-xhieda taghha ma gietx ikkontestata waqt il-kontroezami taghha.

L-Arbitru hu tal-fehma li l-verzjoni tal-ilmentatur hija aktar kredibbli. Il-verzjoni tieghu hija wkoll ikkorroborata minn martu u minn ohtu.

Ghalhekk, l-Arbitru jrid jara jekk il-provditur tas-servizz ghamilx sew li offrielu dan l-investiment meta kien jaf li kien hemm ic-cans li jekk ikollu bzonn il-flus f'perjodu qasir biex jixtri l-proprjetà seta' jitlef il-flus. L-istess rapprezentant xehed li fil-*bonds,* il-valur tal-investiment jista' jitla' u anke jinzel u, ghalhekk, ma setax jaghti garanziji li l-ilmentatur ma kienx ser jitlef jekk jifdi l-investiment b'mod bikri biex jixtri l-proprjetà.

M'hemmx dubju lanqas li dan il-prodott m'ghazlux l-ilmentatur ghaliex ir-rapprezentant jghid car u tond li hu kien ghazlu:

'*Is-suggerimenti tieghi kienu biex jiddiversifika u jinvesti f'bonds differenti li mhumiex European u US.*

*Jiena pprezentajtlu l-Franklin Templeton ghax issuggerejtlu prodott fi swieq emergenti.'*

L-Arbitru hu moralment konvint li l-provditur tas-servizz offra dan l-investiment ghaliex kien wiehed mill-investiment li l-provditur tas-servizz kien qed jippromwovi. Tant hu hekk li, xahrejn wara, rega' biegh lill-istess ilmentatur il-*Franklin Templeton – Global Bond Fund A (Mdis) GBP H1*,[14] li tista' tghid kellu karatteristici jixbhu hafna l-investiment ta' qablu, *cioè,* dak li dwaru qed isir l-ilment.

Jekk kien jaf li l-ilmentatur kien ser jigi bzonn il-flus ma messux bieghlu prodott li kien jaf li jekk ser ibieghu f'qasir zmien kien hemm ic-cans li jitlef minnu.

Id-difiza tal-provditur tas-servizz hija li Rodian Formosa stess, fi snin qabel, kien bieghilhom xi prodotti li kienu jixxiebhu. Dan ma jfissirx li b'daqshekk l-ilmentaturi saru esperti fi prodotti li jinvestu f'*emerging markets;* u li, *ex admissis* mill-provditur tas-servizz fir-risposta tieghu, dan il-prodott kellu diversi riskji marbuta mieghu. Barra minn hekk, ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz huma

[14] https://www.franklintempleton.lu/investor/products/documents/256/I3/templeton-global-bond-fund

partikolari minhabba l-urgenza li l-ilmentaturi kellhom biex jixtru l-proprjetà u fejn riedu li l-kapital ikun ghalhekk garantit.

Ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien l-espert f'din it-tranzazzjoni u kien f'pozizzjoni superjuri ghall-ilmentaturi Ii, ghalkemm kienu investew qabel, ma kinux fl-istess qaghda tal-provditur tas-servizz li suppost kellu ferm aktar informazzjoni mill-ilmentaturi dwar il-prodott mibjugh.

Ghalhekk din l-attitudni tal-provditur tas-servizz, li ma qiesx bizzejjed ic-cirkostanzi partikolari tal-ilmentaturi, ma tistax tigi ikkonsidrata bhala wahda professjonali u kienet nieqsa mid-diligenza mehtiega meta jitqies li l-ilmentaturi kienu qed jaghtu l-fiducja taghhom lill-provditur tas-servizz biex, fuq kollox, ihares l-interessi taghhom.

Dan l-aktar meta, skont ir-Regola ewlenija li tiggwida l-komportament ta' provditur tas-servizz licenzjat mill-MFSA, kellha tkun li:

'*When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients*'.[15]

Il-fatt li l-ilmentaturi riedu jinvestu ghal perjodu qasir, l-offerta ta' dan il-prodott la kienet '*fair*' u lanqas '*professional*'.

Lanqas ma gie rispettat dak li hemm fl-Artikolu 19(3)(b) tal-Kap. 555 li jipprovdi li s-servizz offrut irid jilhaq *'l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment'.*[16]

Li kieku verament il-provditur tas-servizz ried jagixxi b'mod professjonali, l-uniku parir li seta' jaghti lill-ilmentaturi kien li jpoggu flushom f'*savings account* sabiex il-flus ikunu jistghu jehduhom meta jkollhom bzonnhom minghajr ma jitilfu xejn.

Fil-fatt, mart l-ilmentatur kienet cara fejn hi qalet lill-istess rapprezentant li jekk ma jkunux jistghu jigbdu flushom lura fi ftit xhur minghajr ma jitilfu xejn, kienu jpogguhom f'bank; imma l-provditur tas-servizz tahom il-garanzija li flushom jiehduhom lura '*u aktar*'.

[15] *Investment Services Rules-Standard Licence Conditions* (SLC), Regola: 2.01
[16] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

Imma hawn tidhol il-kwistjoni imqajma mill-ilmentaturi fejn jghidu li ghalkemm issemmiet il-*commission,* qatt ma ssemmiet kemm kienet ser tkun ic-cifra tal-*commission.*

Ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz jghid li hu kien semmielhom li l-*commission* kienet ta' 4% fuq l-ammont investit, però, jzid:

'*Ma nistax nghid jekk hdimthielhomx jew le'.*[17] Izid jghid li din tidher fil-*Purchase Contract Note.*

Huwa minnu li din tidher fil-*Purchase Contract Note,* izda l-istess rapprezentant xehed in kontroezami li din kienet tintbaghat wara u, ghalhekk, waqt il-bejgh din ma tkunx accessibbli.

Fil-fatt xehed hekk:

'*Jidhirli li kien f'Ottubru, data ftit qabel li effettivament sar l-investiment; u hu jkun iffirma ftit granet qabel ma ahna nkunu ghamilna l-purchase. Il-Purchase Contract Note tohrog ftit wara li jkun inxtara l-investiment'.*[18]

Meta wiehed iqis li fuq dan l-investiment, li kellu jsir ghal ftit xhur biss, kien hemm '***commission ta' €3,457',***[19] allura, wiehed malajr jifhem ghaliex il-provditur tas-servizz kellu l-interess li jinvesti lill-ilmentaturi is-somma massiva ta' **€82,969.61**[20] fi tranzazzjoni wahda.

Dan meta f'investimenti precedenti, li saru dejjem fuq il-parir tal-provditur tas-servizz, l-ammonti kienu ferm izghar.

Ghal dawn il-motivi, l-Arbitru huwa konvint li l-provditur tas-servizz ma messux biegh dan il-prodott lill-ilmentaturi ghaliex fil-mument li marru jinvestu ma setax jaqdi l-htigijiet taghhom u jilhaq l-objettiv tal-investiment, jigifieri li ma jitilfu xejn mill-kapital meta jigu biex ibieghuh peress li riedu jinvestu ghal perjodu verament qasir ghaliex riedu jixtru l-proprjetà.

Barra minn hekk, galadarba riedu prodott b'kapital garantit ma messux issuggerielhom dan il-prodott la kien jaf li l-kapital ma kienx garantit. Il-prodott

[17] *A Fol.* 181
[18] *A Fol.* 179
[19] *A Fol.* 10
[20] *Ibid.*

issuggerih hu, u kien f'qaghda ferm ahjar biex jifhem li ma kienx addattat ghalihom fic-cirkostanzi partikolari li kienu fihom, meta riedu l-flus kollha biex jixtru proprjetà. Inutli li l-provditur tas-servizz jikkwota l-*Fund Fact Sheet* u l-*Key Investor Information documents* meta l-ilmentatur u martu ma setghux jifhmu l-lingwagg tekniku li bih kienu miktubin specjalment fejn jidhlu r-riskji tal-prodott.

Ghalhekk sehh *mis-selling* tal-prodott.

**Ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u l-Arbitru qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni**.

**Kumpens:**

L-ilmentaturi jghidu li huma tilfu b'kollox is-somma komplessiva ta' €9,421, liema somma tinkludi fiha t-€3,457 li thallset bhala '*commission*'.

Il-provditur tas-servizz jghid li din il-'*commission*' m'ghandhiex tigi inkluza ghaliex l-ilmentaturi kienu jafu biha.

L-Arbitru hu tal-fehma li meta ssemmiet il-'*commission*' ma kienx hemm trasparenza bizzejjed ghaliex, filwaqt li r-rapprezentant jghid li qalilhom li kienet 4% fuq il-kapital investit, fl-istess nifs jghid li ma jistax jghid jekk hadimhilhomx jew le.

Barra minn hekk, *ex admissis* mill-provditur tas-servizz, il-*Purchase Contract Note* tintbaghat lill-konsumatur **wara** li jkun sehh il-bejgh u, ghalhekk, ma jkun jista' jsir xejn dwar l-istess *commission.*

Peress li sar *mis-selling* tal-prodott, l-Arbitru jrid kemm jista' jkun ipoggi lill-ilmentaturi fil-pozizzjoni originali taghhom qabel m'ghamlu dan l-investiment u, ghalhekk, iqis li t-telf kumplessiv li ghamlu l-ilmentaturi kien ta' €9,421.

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *GlobalCapital Financial Management Ltd* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' disat elef, erba' mija u wiehed u ghoxrin ewro (€9,421).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**